MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 8/2019 LM

**M'Rose Bettaib**
**(K.I. numru 429657M)**
***(l-appellata)***
***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
***(l-appellant)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"], mid-deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali mogħtija fis-17 ta' Lulju, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-

deċiżjoni appellata"] fejn intlaqa' l-appell interpost mill-appellata filwaqt li ġiet dikjarata nulla u bla effett id-deċiżjoni tal-appellant.

**Fatti**

2. L-appellata **M'Rose Bettaib** kienet tirċievi Għajnuna Medika (SKA) [minn issa 'l quddiem "l-Għajnuna Medika"] sat-23 ta' Novembru, 2018. Iżda kif l-appellant ġie a konjizzjoni tal-fatt li l-appellata kienet wirtet mingħand missierha Ġiovanni Micallef li miet fit-13 ta' Settembru, 2002, il-fond numru 11 fi Triq San Bartolomeo, ir-Rabat, Malta [minn issa 'l quddiem "il-fond"] u li dan sussegwentement kien ġie fil-pussess tagħha fit-30 ta' Awwissu, 2016, wasal għall-konklużjoni li hija ma kinitx baqgħet tilħaq ir-rekwiżiti kollha sabiex tirċievi l-Għajnuna Medika. Għalhekk fit-2 ta' Novembru, 2018, infurmaha li hija kienet tħallset żejjed is-somma ta' €2,982.88 rappreżentanti l-imsemmija Għajnuna Medika għall-perjodu li jibda fit-3 ta' Settembru, 2016, u li jispiċċa fit-23 ta' Novembru, 2018, għar-raġuni li l-kapital tagħha kien jeċċedi l-€14,000 u li l-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Pensjoni tal-Età (AP) jew minn xi beneficcju ieħor li tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**Mertu**

3. L-appellata ppreżentat appell mid-deċiżjoni tal-appellant quddiem l-Arbitru, liema appell dan tal-aħħar irċieva fid-29 ta' Novembru, 2018, fejn

sostniet li d-deċiżjoni tal-appellant kienet infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet hemm imfissra.

4. It-tweġiba tal-appellant ġiet ippreżentata lill-Arbitru fil-11 ta' Marzu, 2019, fejn issottometta li stante li ma kien tqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, l-appell kellu jiġi miċħud.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Konsiderazzjonijiet finali***

*Il-fatti jidhru għalhekk li huma ċari. Għalkemm l-appellanti wirtet il-fond fl-2002 effettivament setgħet (forsi) tagħmel użu minnu biss minn wara Awwissu 2016. Ma jidhirx li l-appellanti naqset milli tinforma lid-Dipartiment bis-sitwazzjoni tagħha tramite l-uffiċċji reġjonali. Irriżulta wkoll li fil-perjodu konċernat l-appellanti mardet pjuttost serjament u wieħed jifhem li l-moħħ imur fuq il-mard.*

*Iżda hemm punt ieħor fattwali li huwa ta' ċerta importanza. Mill-atti jirriżulta li l-fond in mertu ġie stmat mid-Dipartiment li għandu valur ta' €70,000. Ix-xhud Miriam Bettaib spjegat li inizjalment riedu jirranġaw il-fond iżda l-ispiża telgħat wisq – bejn €80,000/€100,000. Id-deċiżjoni li jinbiegħ il-fond tagħmel sens fil-kuntest tal-valur mogħti mid-Dipartiment.*

*Jagħmel sens ukoll li minħabba l-mard ikun hemm element ta' traskuraġni li l-arbitru hu tal-fehma li ma jistax jiġi traskurat.*

*Għalkemm id-Direttur Ġenerali jista' jingħad li mexa pjuttost sewwa, il-fatt ta' perijodu ta' mard ma jistax jiġi injorat mill-arbitru – tenut kont dejjem illi l-fond ma għandu ebda valur għall-appellanti mingħajr ma jittranga. Il-valur tal-fond huwa biss bħala bejgħ biex mir-rikavat l-appellanti tixtri fond ieħor u tmur tgħix fih. Huwa*

*ċar li l-valur ta' tiswija ossia tranġar tal-fond ma tteħidx in konsiderazzjoni fil-mument tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali.*

*Il-każ odjern jidher ċar li huwa każ ġenwin li jaqa' fil-parametri tal-liġi fejn il-valur tal-fond imqabbel mal-valur tal-ispiża biex jittranga huma tali li jrendu l-fond sa ċertu punt bla valur ai finijiet tal-eżiġenzi tal-appellanti – salv il-mument li jinbiegħ u (forsi) tixtri fond residenzjali ieħor u toħroġ mill-kera.*

*Ċertament jekk il-fond jinbiegħ u r-rikavat ma jiġix użat biex jinxtara fond ieħor kif ingħad, is-sitwazzjoni tinbidel."*

## L-Appell

6. L-appellant intavola r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Awwissu, 2019, fejn talab sabiex tiġi revokata u annullata d-deċiżjoni appellata filwaqt li tiġi kkonfermata d-deċiżjoni tiegħu tat-2 ta' Novembru, 2018. Jgħid li jħossu aggravat b'dik id-deċiżjoni appellata prinċipalment minħabba (i) apprezzament ħażin tal-provi; u (ii) nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi skont il-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Fir-risposta tagħha l-appellata twieġeb li l-appell huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra ż-żewġ aggravji rispettivi tal-appellant, u wkoll ir-risposta tal-appellata, fid-dawl ta' kif iddeċieda l-Arbitru.

*L-ewwel aggravju: apprezzament ħażin tal-provi*

9. L-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu jibda bis-sottomissjoni li huwa ben konsapevoli li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li terġa' tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-provi diġà magħmul mill-appellant stess u mill-Arbitru. Wara li ċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament preseduta dwar sitwazzjonijiet fejn din il-Qorti għandha l-obbligazzjoni li tissindika l-apprezzament tal-provi u fejn ġudikant ikun ġie żvijjat intenzjonalment minn aspetti jew provi marġinali jew ukoll irrilevanti, jgħid li huwa proprju minħabba din ir-raġuni li kien qed jagħmel l-appell tiegħu. Fil-każ odjern l-Arbitru kien saħansitra skarta l-provi u serraħ id-deċiżjoni tiegħu fuq żewġ fatturi li kienu (i) il-mard li kienet għaddiet minnu l-appellata; u (ii) il-valur tal-fond imqabbel mal-valur tal-ispiża neċessarja biex jitranġa, li kienet trendih bla valur. L-appellant jirrileva li minkejja dawn l-osservazzjonijiet tiegħu, l-Arbitru għadda sabiex qal li jekk il-fond jinbiegħ u r-rikavat ma jintużax biex jinxtara fond ieħor, allura s-sitwazzjoni kienet tieħu xejra oħra. B'hekk l-Arbitru ddeċieda fuq probabbilità mingħajr ma qies il-kwadru sħiħ. L-appellant filwaqt li jiddikjara li meta ħa d-deċiżjoni tiegħu huwa kellu l-istampa kollha quddiemu, inkluż l-istima peritali tal-fond, jiċċita dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mifsud *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fil-25 ta' Frar, 2015. L-Arbitru b'danakollu għamel apprezzament ħażin tal-provi u għalkemm aċċetta li l-fond inkwistjoni kien jappartjeni lill-appellata u saħansitra l-appellata stess kienet ammettiet dan bil-ġurament tagħha, il-ġudizzju tiegħu kien wieħed errat. L-appellant irrileva li l-appellata għamlet diversi allegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tal-fond, iżda dawn ma

kellhom l-ebda rilevanza fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-kapital tagħha kienx jeċċedi l-iskala ta' €14,000 o meno u wara kollox lanqas ġew pruvati. L-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu straħ fuq *'il-probabbilità'* li l-appellata tbiegħ il-fond u takkwista ieħor fejn toqgħod, iżda huwa stess wera li kien xettiku jekk dan kienx ser iseħħ. L-appellant hawnhekk jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Corinne Camilleri *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fil-25 ta' Frar, 2015, fejn jgħid li l-fatti kienu simili għal dawk li jirriżultaw f'dawn il-proċeduri. L-appellant jelenka tliet rekwiżiti li kellu jżomm magħhom l-Arbitru sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu: (i) jekk l-appellata wirtitx proprjetà; (ii) il-valur tal-istess proprjetà; (iii) u meta saret il-*causa mortis*. Jinsisti li fil-każ odjern l-appellata ma ħelsitx mill-oneru tal-prova impost fuqha, anzi kompliet issaħħaħ id-deċiżjoni tal-appellant.

10. L-appellata tiftaħ is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju tal-appellant billi tirrileva l-prinċipju li Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tista' biss tagħrbel il-provi meta jkun hemm motivi gravi li jiġġustifikaw dan u tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) f'żewġ sentenzi sabiex tissostanzja l-argument tagħha. Tgħid li l-appellant qed jiddubita mix-xhieda ta' bint l-appellata u mhux qed jikkonsidra li meta wirtet il-fond l-appellata kienet tgħix f'kera. Għall-mistoqsija li jagħmel l-appellant dwar x'kien ser jiġri jekk ir-rikavat mill-bejħ tal-fond ma jintużax għax-xiri ta' fond ieħor biex tabita fih, l-appellata b'riferiment għall-kuntratt anness mar-risposta tagħha tgħid li llum il-fond inbiegħ għal €185,000 u nxtrat proprjetà oħra ġebel u saqaf bil-prezz ta' €150,000, filwaqt li l-kumplament tal-prezz tal-bejgħ kien ser jintuża sabiex jitlesta l-fond mixtri. B'hekk wieħed seta' jara li l-

Arbitru kien wasal għal deċiżjoni loġika u ġusta. Tagħlaq billi tgħid li dan kollu kien juri li m'hemmx ir-rekwiżiti necessarji sabiex il-Qorti tal-Appell tbiddel id-diskrezzjoni tal-Arbitru.

11. Din il-Qorti mill-ewwel tgħid li huwa minnu li l-Arbitru ma straħx fuq il-provi miġjuba quddiemu kemxejn skarsi, iżda pjuttost ġie żvijjat bix-xena li poġġietlu quddiemu l-appellata, inkluż dik ta' mard. L-appellant isemmi xejn inqas minn ħames punti li ma jirriżultaw mill-ebda prova: (i) l-appellata kienet avżat lid-Dipartiment bil-fond li wirtet; (ii) il-ftehim oriġinali ma' John Micallef li dan jibqa' jirrisjedi fil-fond iżda jeżegwixxi x-xogħlijiet biex dan jitlesta; (iii) l-ispiża sabiex isiru t-tiswijiet fil-fond mill-appellata kienet bejn €80,000 u €100,000; (iv) ma setax jittieħed self mill-bank sabiex isiru l-istess tiswijiet; (v) il-fond kien jinsab fuq konvenju. Il-Qorti tirrileva li l-aktar punt importanti konness mal-qofol tal-kwistjoni odjerna, huwa li filwaqt li l-Arbitru kellu biss quddiemu x-xhieda ta' bint l-appellata Miriam Bettaib u kopji ta' żewġ ittri interpellatorji lil John Micallef sabiex joħroġ mill-fond, huwa straħ sew fuq l-allegazzjoni tal-appellata dwar l-ispiża qawwija li kien hemm bżonn li ssir għat-tiswija tal-ħsara fil-fond. Hekk wasal għall-konklużjoni li din l-ispiża qawwija rendiet il-fond bla valur għall-eżiġenzi tal-appellata, jiġifieri li tagħmlu r-residenza ordinarja tagħha, u b'hekk kien ċar li l-każ tagħha kien wieħed ġenwin u li jaqa' fil-parametri tal-liġi. Dan iżda l-Arbitru għamlu mingħajr ma qies x'kienu l-parametri tal-liġi li jagħtu lok għall-ħlas tal-Għajnuna Medika. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ minn din il-Qorti peress li huwa ġustifikat u b'hekk naslu għat-tieni aggravju tal-appellant li tikkunsidra bħala l-qofol tal-kwistjoni.

*It-tieni aggravju: nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi skont il-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta*

12. It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-liġi applikabbli għall-każ odjern. Wara li jagħmel riferiment għall-artikolu 20 tal-Kap. 318, l-appellant jgħaddi sabiex jiċċita l-Ewwel Paragrafu tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-istess liġi li jispjega kif isir il-kalkolu tal-mezzi. L-appellant jissottometti li l-Arbitru saħansitra lanqas riferiment għal dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi ma jagħmel fid-deċiżjoni tiegħu u kieku applika l-imsemmija dispożizzjonijiet, allura tali deċizjoni kienet tkun ferm differenti. Iżda l-Arbitru naqas ukoll milli jikkunsidra r-rifużjoni mitluba mill-appellant skont is-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318. Rilevanti wkoll fil-kuntest, ikompli jgħid l-appellant, kienu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 102(1) ta' dik il-liġi għaliex irriżulta qerq da parti tal-appellata meta din naqset milli tinfurma lill-appellant bil-fond li kienet wirtet. L-appellant fl-aħħarnett jissottometti li l-Arbitru naqas ukoll milli jiddeċiedi *ai termini* tal-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont l-obbligu tiegħu kif imfisser fis-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318.

13. Fir-risposta tagħha l-appellata tilqa' billi tirrileva li l-unika kontestazzjoni da parti tal-appellant kienet li hija ma kinitx tissodisfa l-kalkolu tal-mezzi stabbiliti fil-liġi permezz tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Hawnhekk hija tiċċita wkoll d-disposizzjoni applikabbli fir-rigward tal-eżenzjoni tad-dar residenzjali fil-kalkolu tal-valur ta' kull proprjetà, u tispjega li l-intenzjoni tagħha dejjem kienet li l-fond tagħmlu r-residenza ordinarja tagħha iżda dan ma kienx sar possibbli minħabba l-ispiża li rriżultat li kellha tagħmel meta l-imsemmi fond għadda għandha fl-aħħar ta' Awwissu, 2016. Għalhekk hija

kienet għaddiet sabiex biegħet il-fond u xtrat ieħor skont kuntratti notarili tas-7 ta' Mejju, 2019. Dan kien ifisser li ma kienx tajjeb l-argument tal-appellant li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318 u kienet din il-liġi stess li teżenta dar residenzjali mill-kalkolu tal-mezzi. L-appellata tirrileva wkoll li ġaladarba l-appellant ma kellu l-ebda stima qabel it-3 ta' Settembru, 2016, huwa ma seta' qatt jiddeċiedi li l-kapital tagħha kien jeċċedi dak stabbilit mil-liġi. L-appellata tgħid li l-Arbitru fehem is-sitwazzjoni prekarja tagħha għaliex il-fond kellha bżonnu sabiex tagħmlu r-residenza ordinarja tagħha, iżda fl-istess ħin ma kienx għad-disposizzjoni tagħha biex tgħajjex lilha nnifisha fir-rigward tal-bżonnijiet alimentari u mediċinali. Tissottometti li minn dan kollu kien jidher ċar li l-Arbitru applika l-liġi b'mod ġust u korrett.

14. Din il-Qorti ma tistax ma taċċettax is-sottomissjonijiet tal-appellant taħt dan l-aggravju. Tibda biex tgħid li tikkondividi s-sottomissjoni tiegħu meta jgħid li l-Arbitru naqas milli jagħmel riferiment għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għall-każ odjern. Il-Qorti tqis li l-punt ta' tluq, anki tal-appell intavolat mill-appellant, kellu jkun eżami ta' dak li tipprovdi l-liġi permezz tal-artikolu 20 tal-Kap. 318 u permezz tal-Ewwel Paragrafu tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-istess liġi. Mhux kontestat bejn il-partijiet li dawn huma d-disposizzjonijiet rilevanti għall-każ odjern. Li huwa kontestat huwa l-fatt jekk il-fond inkwistjoni kellux jitqies għall-finijiet tal-liġi bħala d-dar tar-residenza tal-appellata għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-mezzi tagħha.

15. Il-Qorti tissenjala li huwa prinċipju ferm stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li fejn il-liġi hija ċara m'għandux ikun hemm lok għall-interpretazzjoni. Hekk ukoll fil-każ odjern fejn il-Qorti tirrileva li l-Arbitru ma setax jagħti tifsira

oħra għall-kliem *"... d-dar tar-residenza",* altrimenti jkun qed jagħti lok għal abbuż mis-sistema soċjali intiża għal min għandu bżonn l-għajnuna tal-beneficcji soċjali. Dan aktar u aktar meta din il-Qorti tqis li l-appellata, għajr għax-xhieda tat-tifla tagħha, ma ressqet l-ebda prova li biha setgħet turi li l-fond kien proprju d-dar tar-residenza tagħha jew li kienet l-intenzjoni tagħha li jsir ir-residenza tagħha. Għall-kuntrarju l-provi jew in-nuqqas tagħhom kollha jindikaw li dan ma kienx il-każ jew li kien hemm xi ħsieb konkret da parti tal-appellata li r-rikavat mill-bejgħ kien ser jintuża għax-xiri ta' residenza tagħha. Saħansitra sallum għalkemm tiddikjara fir-risposta tagħha li qiegħda tehmeż kopja tal-kuntratt ta' akkwist ta' proprjetà intiża għar-residenza tagħha, hija naqset milli ġġib din il-prova.

16. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li dan l-aggravju huwa wkoll ġustifikat u qiegħda tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant, u filwaqt li tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant tat-2 ta' Novembru, 2018, fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**